# SITTIN SENA ILU

## ŻMIEN IT-TIENI GWERRA FL-IMQABBA

### Kitba ta' Carmen Lia B.Ed (Hons.) B.A.

Kien it-Tnejn 10 ta' Ġunju 1940 f'xis-sebgħa ta' filgħaxija meta l-ftit Maltin li kellhom radju semgħu l-għajjat ta' Mussolini jiftaħar bit-tmin miljun bajjunetti li lesta għall-ġlieda.

Il-filgħodu kmieni ta' l-għada stess, jiġifieri t-Tlieta 11 ta' Ġunju, Malta kellha l-ewwel attakk mill-ajru mit-Taljani ftit wara s-sebgħa ta' filgħodu waqt li n-nies kienu qegħdin iqumu biex jibdew ġurnata xogħol. Bombers Taljani ttajru minn Sqallija għal Malta. Ħadd ma kien jaf x'jiġifieri attakk mill-ajru. Kulħadd kellu rasu mimija li l-bombi ma setgħux iġarrfu d-djar mibnija bil-ġebla Maltija. Anke Uffiċjali tal-Gvern fil-bidu kienu wissew lin-nies li t-turġien jew xi arkata tal-ġebel kienu xelter biżżejjed kontra l-bombi. Għalhekk dak inhar ta' l-ewwel air raid, ftit kienu beżgħu. Ħafna marru lejn ix-xogħol bħas-soltu. Ftit wara s-sebgħa ta' filgħodu beda l-ewwel bombardament mill-ajru. F'dan l-ewwel ħbit l-Imqabba sofriet l-ewwel vittma tal-Gwerra – Giuseppe Ellul ta' 36 sena li ntlaqat fl-inħawi ta' Portes de Bombes meta kien għadu sejjer fl-Uffiċju f'Raħal Ġdid fejn kien jaħdem bħala *Time Keeper*. Huwa ttieħed l-Isptar Buġeja fil-Ħamrun u miet hemmhekk dakinhar stess. Ħmistax wara, fis-26 ta' Ġunju, sfat meqruda l-familja Ghigo u mietu Angela (55 sena), Giulio (25) u Emanuel (18) flimkien ma' tliet refuġjati mill-Kottonera li kienu joqogħdu fid-dar magħhom. Dawn kienu Carmela Saliba (3) u ż–żewġ uliedha żgħar Giuseppa (3) u Polly (6) u tifel ieħor mhux identifikat.

Il-ħruxija, qilla u qerda tal-gwerra bdiet tinħass aktar mal-bidu tal-1941 meta f'Jannar dehru fuq Malta għall-ewwel darba l-ajruplani Junkers tal-Luftwaffe Ġermaniża. Il-biża' kiber, l-għatx kotor u l-imwiet żdiedu.

Is-sena 1942 kienet sena qalila u



L-Istatwa tal-Madonna tal-Ġilju armata fil-Knisja Parrokkjali fi żmien il-gwerra.

kiefra ferm, l-agħar żmien tal-gwerra speċjalment għan-nies ta' l-Imqabba li għaddew minn ħafna esperjenzi koroh. Peress li l-Imqabba kienet qrib ħafna t-*target number one* l-ajrudrom, bosta djar iġġarrfu. L-imwiet komplew jiżdiedu. Is-Sibt 24 ta' Jannar 1942 miet John Mary Briffa (59). Is-Sibt 21 ta' Frar , miet Anthony Ghigo (24). Iżda ħafna jsostnu li fost l-agħar jiem tal-Gwerra għal Malta kien hemm il-Ħamis 9 ta' April 1942. Fih sar wieħed mill-eqqel attakki fuq Malta tal-Luftwaffe Ġermaniża.

Hekk iddeskriva l-attakk Dun Ġużepp Micallef:

"Kien l-elfejn u tnejn u erbgħin sinjal ta' attakk mill-ajru. Is-sirena daqqet fis-siegħa nieqes kwart, u r-raiders passed ingħata fis-sagħtejn u tnax-il minuta. Ir-rapport uffiċjali fuq il-ħbit, maħruġ dik il-lejla, qal hekk... "...għal darba oħra l-Port il-Kbir kien it-target ewlieni, imma l-ajrudromi wkoll ġew ibbumbardjati. Madwar 60 bomber ħadu sehem f'dawn l-attakki, 16 minnhom kienu Junkers 87". (1)

Għall-Imqabbin dan żgur kien l-aktar jum ta' qsim il-qalb fost il-jiem koroh ta' dawk is-snin. Disa' Junkers ħabtu għal Ħal Luqa u għall-ajruport. Wieħed minnhom resaq fuq l-Imqabba għal xis-siegħa nieqes kwart wara nofs inhar u waddab ħames bombi kważi kollha qrib il-Knisja. Waħda minn dawn il-bombi waqgħet fuq il-Knisja Parrokkjali, li kienet il-mimmi ta' għajnejn l-Imqabbin. Il-Knisja ġarrbet ħsarat kbar. Peress li d-direct hit kienet fuq pilastru tal-koppla, waqgħet il-koppla. Waqgħet ukoll parti sew mill-Knisja nkluża n-nava tal-Kunċizzjoni u s-sagristija. Dan żgur kien l-iktar attakk aħrax mill-għadu fuq l-Imqabba. George Hogan midħla tan-naħat ta'l-Imqabba fi żmien il-Gwerra jiddeskrivi dan il-ħbit ikrah:

"At Imqabba the horrifying raid took a quarter of an hour and the bombers came in at lunchtime on 9th April 1942... many of the country folk had already answered the siren and were in shelter... The doctor and the protection officer were standing alone in a small room ready to cope with injuries... when the last few realised the savagery of the attack and made a dash for the shelter, not all reached sanctuary... A stretcher party from the nearby D Company of the Hampshire Regiment rushed into the streets but there was nothing they could do... The Parish Priest was in the Church tower when the bombers struck. They came at a quarter to one and were gone at one. A bomb went straight through the church. The clock tower remained standing but the church was an empty shell. The clock died at exactly 1 p.m. By a miracle the priest lived and walked down to comfort his flock". (2)

#### Tiġrif fil-Knisja Parrokkjali

Tkissru ħafna opri ta' l-arti fil-

Knisja fosthom il-pittura tal-koppla li kienet turi xeni mill-Inkurunazzjoni tal-Madonna fis-sena mat-Tliet Persuni tat-Trinità, xogħol il-Professur Filippo Venuti, il-pitturi tal-lunetti li minnhom San Luqa biss kien baqa' u li kienet ukoll xogħol l-istess Venuti li kien għamel xi żmien igħix ma' Dun Lorenzo Zammit fl-Imqabba. L-Imqabba tilfet ukoll l-artal maġġur magħmul minn irħamiet prezzjużi u fini fosthom il-malakite, il-bradella tal-Istatwa tal-Madonna tal-Ġilju, l-istatwa ta' San Innocenzo, l-orgni kif ukoll ħafna gandlieri u tiżjin li kien jintuża għall-festa. Minn ġot-tifrik kienu salvati d-damask u l-paramenti sagri. Mons. Lorenzo Spiteri D.D., Kappillan ta' l-Imqabba mill-1939 sa l-1945, jirrakkonta li dak in-nhar tad-9 ta' April 1942 kienet l-ewwel darba li daħħal is-Sagrament f'reċess fis-Sagristija u kieku ma għamilx hekk kien jitkisser ukoll.

Fit-tiġrif tal-Knisja nqabdu fil-Kampnar il-qassisin Dun Ġelard Mangion u Dun Eugenio Mallia, is-Sagristan Toni Mallia u Karmnu Magro. B'xorti tajba ħadd minnhom ma weġġa'. Xi Mqabbin oħrajn ma kienux daqstant iffortunati. Fl-istess attakk bomba oħra li ġiet fil-pjazza u fetħet bokka fonda f'nofsha u qatlet lil Ġanna Busuttil (41) u wliedha Mary (15) u Salvina (14). L-għada mietu Pawlina Borg (31) u Lawrence Mangion (61). Nhar it-Tlieta 23 ta' Ġunju komplew mietu wkoll Catherine Saliba (72). It-Tnejn 31 ta' Awissu mietu Emanuel Zammit (7) u Joseph Zammit (6). B'kollox mietu dsatax-il persuna minbarra l-familja Saliba.

## Proposti biex tissewwa l-ħsara

L-1942 kienet sena kerha għall-Imqabba. Wara l-attakk tad-9 ta' April 1942 in-nies ta' l-Imqabba, għajjenin u bil-ġuħ, raw it-tama tagħhom titbaxxa. Barra minn hekk kellhom quddiemhom biċċa xogħol delikata. Il-Knisja Parrokkjali kienet fi stat perikoluż ferm u għalhekk il-funzjonijiet reliġjużi ma setgħux jibqgħu jsiru fiha. Riedu jaraw x'se jagħmlu immedjatament. Dan kien żmien kiefer u ta' biża' kbir għall-poplu tar-raħal. Il-Kappillan ta' dak iż-żmien Mons. Lorenzo Spiteri D.D., ħa kull ma seta' fil-Knisja ta' San Bażilju. Huwa jiftakar li f'dak iż-żmien "l-Istatwi ma ħarġux minn-niċeċ tagħhom".

Il-funzjonijiet reliġjużi għal xi żmien bdew isiru fil-Kappella ta' San Bażilju iżda l-Kappella kienet żgħira wisq biex isservi għall-ħtiġijiet reliġjużi kollha tal-popolazzjoni ta' dak iż-żmien u għalhekk kien hemm ħafna nies li ma kenux qegħdin joqogħdu ġewwa l-Kappella. Għalhekk riedet issir xi ħaġa malajr kemm jista' jkun. Il-Kappillan iddiskuta x'kellu jsir mal-Prokuratur tal-Knisja Parrokkjali kif ukoll mal-Kleru tar-raħal. Ħarġu żewġ proposti – waħda li jitella' ħajt u saqaf proviżorju fil-Knisja Parrokkjali jew/u tinbena kamra oħra mal-Kappella ta' San Bażilju u dan kellu jsir billi jissaqqaf iz-zuntier/ċimiterju li jinsab quddiem din il-kappella.

Fil-Kurja Arċiveskovili nsibu korrispondenza dwar dan. Fis-27 ta' Awissu 1942, Dun Angelo Vella li kien is-Segretarju tal-Gunta Djoċesana għaż-żamma ta' l-Antikità Ekkleżjali nforma lill-Kappillan ta' l-Imqabba Dun Lorenzo Spiteri li l-Vigarju Ġenerali Mons. Emmanuele Galea kien inkariga lill-Perit Godwin Galizia bħala membru ta' l-istess Ġunta sabiex jeżamina t-talba ta' l-istess Kappilan. Għalhekk kien meħtieġ li l-istess Perit jeżamina din it-talba billi jmur fuq il-post. Għall-ispejjeż kellha tieħu ħsieb il-Kurja.

Il-Perit Godwin Galizia mbagħad bagħat lill-Kurja r-rapport tiegħu dwar ix-xogħolijiet li kellhom isiru fil-Knisja Parrokkjali.

Fit-12 ta' Ottubru 1942 il-Ġunta Djoċesana kitbet lill-Vigarju Ġenerali fejn intqal li l-Perit u membri tal-Ġunta kienu marru fuq il-post sabiex jeżaminaw iż-żewġ proposti magħmula, waħda mill-Kappillan l-oħra mill-Prokuratur. Wara li semgħu minn dawn dwar x'seta' jsir, instemgħu wkoll is-suġġerimenti ta' membri oħra tal-Kleru ta' l-istess raħal. Il-konklużjonijiet li ħarġu li kienu influwenzati ħafna mill-mastru bennej li kellu jieħu ħsieb ix-xogħolijiet, primarjament kienu jgħidu li ma kienx xieraq li l-Kappella ta' San Bażilju jittieħdilha z-zuntier sabiex tibena kamra fuq l-istess sit u dana minħabba l-antikità ta' l-istess Kappella. Kieku kellha tinbena din il-kamra, xorta ma kenitx tkun adattata sabiex isiru l-funzjonijiet reliġjużi ġewwa fiha.

Għalhekk fortunatament għall-istorja ta' l-Imqabba ntgħażel il-proġett li kien propost mill-Kappillan u b'hekk ma saret l-ebda ħsara lill-Kappella ta' San Bażilju.

27 agosto 1942

Reverendissimo Signor Parroco,

Sua Eccellenza Reverendissima Mons. Vicario Generale mi dirige a pregare Molto Reverdissima e l'Illustrissimo Signor Gowdin Galizia A.I.C. come membri della Giunta Diocesana per la Tutela della Antichita' Ecclesiastiche a voler esaminare l'acclusa domanda del Parroco della Micabiba e relatare sulla medesima.

Certamente dovrannno recarsi sul luogo e alle spese oltre che ad un onorario pensera' la Curia.

Gradisca I miei piu' distinti essequi e mi creda.

Suo Reverendissimo Servo
Sac Angelo Vella,
Segretario.

12 Ottobre 1942

A Sua Eccellenza Reverendissima
Mons. Emmanuele Galea, Vicario
Generale.

Eccellenza Reverendissima.

In deferenza al suo desiderio espressaci con la lettera del 27 agosto v.s. firmata dal Molto Reverendo Sacerdote A. Vella, Segretario della Giunta, I sottoscritti, esaminati sul luogo I progetti proposti, l'uno dal Parrocco di Micabiba e l'altro dal Procuratore della Chiesa della stessa parrocchia ed ascoltati gli stess proponenti ed altri membri del clero nonche' il maestro muratore a cui s'intende affidare l'esecuzione degli stessi progetti, ossequiosamente espongono:-

(1) Non essere desirderabile che la Chiesa di San Basilio sia privata dal sacrario con la fabbrica di una sala sullo stesso sito; e cio', primariamente, per deferenza alla antichita' della stessa chiesa.

(2) Che la Chiesa di San Basilio offre spazio sufficiente per gli incontri delle Madri Cristiane, delle Figlie di Maria e di altre congregazioni. Percio' la fabbrica di una sala sul sacrario della chiesa, a tale scopo, e' superflua.

(3) Che una sala, come quella concepita dai proponenti della stessa, non e' sufficientemente adatta per le funzioni religiose.

(4) Che la mancanza di un luogo sacro, sufficientemente decoroso per le funzioni religiosa, per un lungo periodo di tempo, potrebbe essere causa di detrimento dello spirito religioso.

(5) Che il progetto proposto dal parroco, oltre ad essere eseguibile, presenta il lodevole vantaggio di permettere al popolo di assistere alle funzioni religiose con decoro.

(6) Percio' I sottoscritti propongono che si approvi il progetto proposto e presentato dal Molto Reverendo Parrocco.

Baciando il sagro anello, con profonda stima, ci raffermiamo.

Devotissimi Servitori
Parroco Sac. C. Farrugia.
G. Galizia.
12/10/1942